MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 304/2011

Kawza fil-lista: 16

**A B**

**vs**

**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur A B li jaqra bil-mod segwenti:-

1. “Illi l-partijiet, assia r-rikorrenti A B u l-intimata C B zzewgu nhar il-hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru tas-sena elf, disgha mija, u tlieta u disghin (1993) u dana skond l-Att taz-Zwieg numru 1808/1993 u minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied, Melvin fit-18 ta' April 1998 u Charlene fit-2 ta' Jannar 2000, it-tnejn minorenni:

2. Illi l-intimata irrendiet ruhha hatja ta' vjolenza fizika u morali, theddid, servizzi, ingurji u offizi gravi fil-konfront tar-rikorrenti u dan sahansittra quddiem uliedhom, u peress illi ghalhekk giet reza impossibli l-hajja konjugali bejniethom;

3. Illi l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet 1567/11 datat l-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u hdax (2011);

Ghaldaqstant, tghid l-intimata ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi B ghal ragunijiet imputabbli lill-konventuta minhabba vjolenza fizika u morali, theddid, servizzi, ingurji u offizi gravi li l-istess intimata ikkommettiet kontra zewgha;

2. Tiffissa somma ghall-manteniment tat-tfal minorenni Melvin u Charlene u tordna sabiex din is-somma tithallas mill-attur direttament lill-attrici f'data ffissata minn din l-Onorabbli Qorti kull xahar;

3. Tordna illi l-esponenti jkollu dritt ta' access illi jigi ezercitat minnu fi granet u fil-hinijiet illi jigu stability appozitament minn dina 1-Onorabbli Qorti;

4. Ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lir-rikorrenti u l-ohra lill-intimata, occorrendo billi jigi nominat perit, nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirraprezenta 1-kontumanci fuq l-istess att:

Bl-ispejjez kontra l-intimata ingunta ghas-subizzjoni.”

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C B u l-kontro-talba minnha pprezentata li taqra bil-mod segwenti:-

1. “Illi l-espoenti giet ammessa ghal beneficcju tal-ghajnuna legali.

2. Illi ghalkemm huwa minnu li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser b'mod irrimedjabbli u hemm lok ghal separazzjoni personali bejniethom, dan pero' gara biss minhabba tortijiet u htijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-rikorrent u ghalhekk it-talbiet rikorrenti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt. Di fatti l-eccipjenti qeda tipprevalixxi ruhha mid-dritt lilha mghoti tal-Kontro-Talba sabiex tirribadixxi dan kollu. Ghalhekk it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess rikorrent.

3. Salvi, jekk ikun il-kaz, risposti ossia, eccezzjonijiet ulterjuri.”

1. “Illi l-kontendenti zzewgu fit-25 ta' Settembru 1993.

2. Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti kellhorn zewgt itfal u cioe' Melvin illi twieled fit-18 ta' April 1998 u Charlene illi twieldet fit-2 ta' Jannar 2000.

3. Illi l-rikorrent rikonvenzjonat rrenda l-hajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti mpossibbli, inter alia permezz ta' adulterju, abbandun, sevizzi, eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi da parti tieghu fil-konfront tal-istess intimata rikonvenzjonanti, u kif ukoll iz-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment b'tort uniku tal-istess rikorrent rikonvenzjonat;

4. Illi l-kontendenti gew debitament awtorizzati biex jipprocedu bl-istanti permezz tad-Digriet appositu tal-Onorabbli Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja;

Ghaldaqstant l-esponenti qeda, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, bil-qima titlob illi din 1-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna, illi:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lir-rikorrent rikonvenzjonat kif fuq spjegat u tawtorizza lill-intimata rikonvenzjonanti tghix separatament minn ma' r-rikorrent.

2. Taffida l-kura u l-kustodja tal-minuri fuq imsemmija Melvin u Charlene f'idejn 1-intimata rikonvenzjonanti, salv kull provvediment xieraq ta' access favur ir-rikorrent li din il-Qorti jidrilha ghandha tipprovdi fl-ahjar interess tal-istess minuri.

3. Tiddikjara li r-rikorrent rikonvenzjonat iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-intimata martu, filwaqt illi l-intimata rikonvenzjonanti jibqalgha d-dritt li tippercepixxi manteniment minghand ir-rikorrenti zewgha ghaliha u wliedha minuri fuq imsemmija.

4. Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li ghandu jkun pagabbli mir-rikorrent rikonvenzjonat lill-intimata rikonvenzjonanti ghaliha u ghall-uliedha il-minuri fuq imsemmija, filwaqt li tordna u tikkundanna lill-istess rikorrent rikonvenzjonat sabiex ihallas dik ir-retta alimentarja hekk likwidata u tordna illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tieghu mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu jew bi standing order u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta biex jirrifletti z-zieda fil-gholi tal-hajja.

5. Tapplika kontra r-rikorrent rikonvenzjonat l-effetti in toto jew in parte tal-artikoli 48 sa 52 et seq. tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluza l-komminazzjoni li huwa tilef kull dritt li jiret lill-intimata martu.

6. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali fid-dawl li r-rikorrent rikonvenzjonat huwa unikament hati ghas-separazzjoni personali u tassenja porzjon lill-intimata rikonvenzjonanti u porzjon lir-rikorrent ope sententiam. Filwaqt li tinnomina nutar sabiex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

7. Tikkundanna lir-rikorrent rikonvenzjonat sabiex jirrestitwixxi lill-intimata rikonvenzjonani l-beni kollha dotali u/jew parafernali taghha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dana fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilu prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li r-rikorrent jaghmel dan, tikkundannah ihallas lill-intimata rikonvenzjonanti dik is-somma li ghandha tigi likwidata, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti 1-valur tal-beni dotali u/jew parafernali sudetti.

8. Tordna illi l-intimata rikonvenzjonanti jkollha d-dritt illi tibqa' tghix u tabita fid-dar konjugali ossia il-fond numru 43, Palm Street, Rahal Gdid u dana ad eskluzjoni tar-rikorrent rikonvenzjonat mill-istess dar, filwaqt illi tordna lill-istess rikorrent rikonvenzjonat sabiex jirrilaxxja l-istess dar vakanti favur l-intimata rikonvenzjonanti.

9. Taghti kull provvediment iehor xieraq u opportun.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri kollha rikorrent, li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tal-attur rikonvenzjonat li taqra bil-mod segwenti:-

1. "Illi ghalkemm huwa minnu li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser b'mod irrimedjabbli u hemm lok ghal separazzjoni personali bejniethom, dan pero' gara biss minhabba tortijiet u htijiet unikament u esklussimament imputabbli lill-konvenuta rikonvenzjonanti;

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal premess ma joggezzjonax li l-kura u l-kustodja tal-minuri Melvin u Charlene tkun fdata f'idejn il-konvenuta rikonvenzjonanti basta jibqa' impregudikat d-dritt tal-access ghall-istess minuri;

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal premess it-talba tal-manteniment ghall-konvenuta rikonvenzjonanti ghandha tigi michuda stante li ma jirrizultawx l-massimi li trid il-ligi sabiex l-attur rikonvenzjonanti ihallas manteniment lill-konvenuta rikonvenjonanti kif se jkun pruvat fil-mori tal-kawza:

4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal premess jaqbel li jkun hemm manteniment ghal uliedu minuri u li dan jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegh tieghu mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu;

5. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghal premess ma joggezzjonax li l-komunjoni tal-akkwisti tkun xolta u illikwidata;

6. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal premess il-bqija tat-talbiet ghandhom jigu michuda stante li huma infondati fid-dritt u fil-fatt.

7. Salvi, jekk ikun il-kaz, risposti ossia, eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur.[1]

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuta.[2]

[1] Fol. 1080
[2] Fol. 1057

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkonsidrat.

**Provi.**

**Verzjoni tal-attur.**

L-attur xhed[3] illi l-inkwiet matrimonjali bejn il-partijiet beda meta huwa spicca jahdem mat-Tarzna f'Awissu 2009. Sussegwentement huwa kien impjega ruhu bhala 'security officer' pero' skond l-attur dan l-impieg il-konvenuta ma accettatux u bdiet tohloqlu l-inkwiet inkluz li tahbilu l-uniformi. Jispjega li anke meta telaq minn 'security officer' dahal jahdem ma' kumpanija tal-gwardjani lokali, il-konvenuta baqghet bl-istess attitudni u tahbilu l-uniformi tant li kellu jibda jiehu l-uniformi fil-garaxx. Jghid li kienet tqatta hafna hin 'chatting' fuq il-kompjuter.

Skond l-attur, il-konvenuta kienet spiss tohloq xi argument qabel ikunu ser johorgu sabiex jispiccaw ma johorgu xejn. Jghid illi l-konvenuta ma kenitx tiehu hsieb id-dar u meta kien jghidilha sabiex inadfu d-dar flimkien kienet tkellmu hazin u kien jispicca jnaddaf u jsajjar hu. L-attur xhed li din is-sitwazzjoni kienet ilha ghaddejja s-snin u kien hemm okkazzjonijiet fejn jigi lura mix-xoghol u ssakru barra billi taghmel hadida wara l-bieb ta' barra. Kien ikollu jcempel lill-genituri tal-konvenuta sabiex jigu u jikkonvincuwha sabiex thallih jidhol fid-dar matrimonjali.

Jirrakkonta episodju meta waqt li kien rieqed il-konvenuta haditlu c-cwievet tad-dar u tal-karrozza. Xhed illi meta qam u ma setghax isib dawn ic-cwievet huwa irritalja billi hadilha c-cwievet. Skond l-attur il-konvenuta irreagixxiet billi qabdet sikkina quddiem it-tfal u kisret il-hgieg kollu ta' vetrina. Jirrakkonta episodju iehor fejn waqt li kien qed isajjar il-konvenuta

[3] Affidavit a fol. 17

qabdet 'chip pan' biz-zejt jaghli u tefatulu fuq saqajh. Huwa mar jaghmel rapport l-ghassa u meta mar lura d-dar ma setax jiftah il-bieb ta' barra. Kien ghalhekk illi ghal dak il-lejl raqad ghand ohtu u kera appartament fejn joqghod. Jikkontendi li ghalhekk gie mkecci mid-dar matrimonjali u beda dawn il-proceduri.

In kontro-ezami[4] l-attur ikkonferma li s-salarju tieghu huwa ta' €800 fix-xahar u li ilu li telaq mid-dar matrimonjali hames snin. Ikkonferma li djun fuq id-dar matrimonjali ma hemmx u li ghandhom zewg karrozzi, Passo li juza hu li kien bidlu ma' van li kellu qabel. Jghid li tiswa €6,000.00. Il-konvenuta tuza Nissan li kienet inxtrat fiz-zwieg.

Jghid illi meta kien spicca minn mad-Dockyard kien ha somma u meta sena ilu kienu ser jersqu ghal separazzjoni bonarja wara li pprezentaw abbozz ghall-approvazzjoni tal-Qorti li gie approvat, huwa kien accetta li l-flus li kellu depozitati u sekwestrati hu jiehu €5,000 u l-konvenuta tiehu wkoll €5,000 kif fil-fatt ghamlu. Jghid li kien ukoll taha €3,000 u qaleb il-karrozza li tuza hi fuqha. Jghid li wara li huwa iffirma sabiex il-konvenuta hadet il-flus li kienu ftehmu hija irrifjutat li tiffirma l-kuntratt.

Dwar ritratti ezebiti mill-konvenuta fejn l-attur jidher fi vjagg barra minn Malta, l-attur spjega li dan kien vjagg li mar ma' membri tal-familja tieghu li kien ilu ma jkellem hames snin u li kien hallas l-ispejjez missieru. Jghid li t-tfal ma setax johodhom mieghu peress li lanqas biss iridu jkellmuh. Kienet l-okkazzjoni meta rega beda jkellem lill-missieru wara numru ta' snin. Jghid li kien kostrett mill-konvenuta sabiex ma jkellimx lill-missieru u lill-membri tal-familja tieghu.

Jghid li l-konvenuta iggieghel lit-tfal sabiex ma jkellmuhx tant li jekk jghaddu minn fejn ikun hu jibdew jibbuwjawlu mill-karrozza. Jghid li ipprova jzomm kuntatt mat-tfal izda sab ostakolu mill-konvenuta. Jammetti illi talba lill-Qorti qatt ma ghamel matul dawn il-proceduri sabiex jigi stabbilit access ghat-tfal.

Cahad li huwa qatt kellu relazzjoni ma' certu Priscilla Cutajar kif tallega l-konvenuta. Jichad li huwa kien jghid lill-martu li hu mhux lilha ried izda lill-kugina taghha. Jichad li kien jghajjar lill-konvenuta.

[4] Fol. 1001

Meta telaq mid-dar hames snin ilu huwa mar joqghod ghal sentejn gewwa appartament fil-Fgura. Ghal dawn l-ahhar tlett snin kera flat il-Gudja u ghandu €233 fix-xahar bhala kera. Jghid li jghix wahdu. Jikkonferrma li hemm arretrati ta' kontijiet ta' dawl u ilma fuq id-dar matrimonjali izda hu qed jirrifjuta li jhallashom peress li ilu nieqes minn hemm ghal dawn l-ahhar hames snin.

Xhed illi ghalkemm sallum ma kienx hemm ordni ta' Qorti huwa kien qed jghaddi somma flus lill-konvenuta bhala manteniment ghat-tfal.

**Verzjoni tal-konvenuta**.

Il-konvenuta xhedet[5] illi l-inkwiet matrimonjali beda bejn il-partijiet meta l-attur beda jahdem bhala 'security officer'. Tichad li kien minhabba fiha li l-attur waqaf jahdem bhala 'security officer'. Tghid li waqaf minn jeddu ghaliex ma riedx jahdem shift ta' bil-lejl u ghaliex min kien ihaddmu ma kienx hallsu tal-leave li ma kienx utilizza.

Tghid li meta l-attur beda jahdem bhala gwardjan lokali beda johrog ghax-xoghol fis-sitta ta' filghodu u jidhol lura fl-ghaxra ta' bil-lejl, inkluz fil-Hdud u fest. Meta tistaqsih fejn ikun kien jghidilha sabiex ma tindahallux. Tghid li spiccat ma tohrog qatt u waqghet f''depression' li ghaliha t-tabib ippreskrivilha kalmanti hfief. Il-konvenuta xhedet illi kien beda jmur jixrob fi klabb tal-bocci u beda jidhol id-dar taht l-effett tal-alkohol. Meta kienet tkellmu kien jibda jghajjat u jidghi. Skond il-konvenuta, l-attur beda wkoll juza' c-chatting fuq l-internet sabiex jikkomunika ma' nisa ohra.

Tghid li t-tindif li kien jaghmel l-attur kien jaghmlu minn jeddu minghajr hadd ma jqabbdu. Tammetti li kienet haditlu c-cwievet tad-dar pero' tghid li ghamlet hekk kien ser jahrab bil-karrozza taghha.

Tghid li meta l-konvenut telaq mid-dar huwa kellu partner u kien joqghod maghha fi flat gewwa l-Fgura.

[5] Affidavit a fol. 937

Xhedet illi kien hemm okkoazzjoni fejn hadet numru ta’ pilloli kalmanti f’daqqa u kellha tigi rikoverata fl-Isptar Monte Carmeli fejn damet xahar taht osservazzjoni. Skond il-konvenuta, matul dak ix-xahar l-attur ha diversi oggetti mobbli mid-dar matrimonjali.

Tghid li darba heddidha b’subajh ma’ wiccha “lili int m’intiex ser iggenninni ghax mignuna inti”, hija ma ghamlitlux rapport peress kienet tibza’.

Skond il-konvenuta, l-attur telaq mid-dar minn jeddu u mhux minhabba fiha. Tghid li kompliet tinsisti sabiex jirrangaw izda l-attur ma riedx. Tghid li hi u uliedha huma xhieda li l-attur jikkoabita mas-siehba tieghu peress li kienu rawhom dehlin go fond fil-Gudja. Meta l-attur induna li l-konvenuta kienet hemm kien mar jaghmel rapport fl-ghassa tal-pulizija.

In kontro-ezami[6] l-konvenuta xhedet illi hija tahdem mal-Gvern bhala ‘part-time cleaner’ hames sieghat kuljum mit-Tnejn sal-Gimgha. Ilha hekk tahdem ghal dawn l-ahhar hames snin u ghandha dhul medju ta’ ftit aktar minn €300.00 fix-xahar. Ikkonfermat li fis-sena 2013 id-dhul annwali taghha minn dan l-impieg kien ta’ €3,540 oltre €92.53 fil-gimgha minghand id-Dipartiment tas-Sigurta’ Socjali. F’beneficcji socjali irceviet matul is-sena 2013 is-somma ta’ €4,811.56, oltre €2,311.92 bhala ‘children’s allowance’.

Dwar l-allegazzjoni taghha li zewgha kien jiccettja ma’ nisa ohra meta kien ghadu fid-dar matrimonjali tghid li provi ohra m’ghandiex hlief it-testimonjanza taghha peress li kien ihassarhom minn fuq il-kompjuter.

Dwar numru ta’ ritratti ezebiti mill-attur fejn il-konvenuta tidher fil-kumpanija ta’ ragel iehor f’posizzjoni li turi certu intimita’ il-konvenuta irrispondiet li dak li jidher fir-ritratt huwa biss ‘bewsa ta’ hbieb’ u li ma raqditx mieghu. Tghid li ma’ din il-persuna ippruvat tibdni hajja gdida izda ma rnexxiliex, “Ippruvajt ghax jien hajti rrid nibdiha la zewgi m’ghogbux jaghtijieli”.

Dwar poezija insolenti fil-konfront tal-attur li tinstab fuq il-pagna tal-facebook tal-konvenuta, tghid li dik mhux hi ghamlitha izda t-tifla tal-partijiet Charlene.

[6] Fol. 944

Tghid li siefret darba min flus li gemmghat sabiex hadet lit-tfal ghall-btala gewwa Sqallija ghaliex skond il-konvenuta l-attur mar darbtejn u lit-tfal ma hadhomx.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

**Htija ghat-Tkissir taz-Zwieg**.

Jirrizulta illi l-inkwiet serju ta’ bejn il-partijiet immanifesta ruhu meta l-attur beda jahdem ‘shifts’ ta’ bil-lejl bhala ‘security officer’. Il-kambjament fix-xoghol tal-attur wara li l-impieg precedenti tieghu gie terminat skatta fil-konvenuta reazzjonijiet ta’ suspetti dwar infedelta’. Mill-kumpless tal-provi jirrizulta illi l-konvenuta tbati hafna minn insigurta’ u kienet tirreagixxi b’mod sproporzjonat fir-rigward tal-bezat taghha li r-ragel jitlaqha. Din is-sitwazzjoni kompliet anke meta l-attur biddel ix-xoghol tieghu u ma baqax jahdem matul il-lejl. Il-fatt li kien johrog mid-dar minn filghodu u jirritorna lura d-dar fl-10.00 p.m. il-gimgha kollha hafna drabi inkluz Hdud u festi kompla jnissel fil-konvenuta skuntentizza kbira. It-testimonjanza tal-konvenuta fir-rigward ma gietx kontradetti mill-attur. Ma ta l-ebda spjegazzjoni l-attur ghaliex kien mehtieg li prattikament ta’ kuljum ikun ‘il boghod mill-familja ghal tant tul ta’ hin inkluz fil-hdud u festi.

Ir-reazzjonijiet tal-konvenuta ghal din il-frustrazzjoni kienu xi minn daqqiet anke vjolenti fil-konfront tal-attur. Il-kulminu ta’ dawn l-incidenti intlahaq meta waqt episodju ta’ glied l-attur sejjah lill-Pulizija peress li l-konvenuta bdiet thedded li ser tibla kwantita’ ta’ pilloli. Jirrizulta illi meta waslu l-Pulizija l-konvenuta wetqet dak li kienet qed thedded li ser taghmel tant li kellha tissejjah ambulanza u eventwalment giet rikoverata l-Isptar Monte Carmeli ghal xahar.

Ghalkemm il-kronologia tal-fatti turi li dan l-episodju kien l-ahhar pass sabiex il-hajja matrimonjali ta’ bejn il-partijiet intemmet darba ghal dejjem minghajr l-ebda prospett ta’ rikonciljazzjoni, il-provi juru illi kien l-agir taz-zewg partijiet matul numru ta’ snin li wassal ghat-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg tal-partijiet.

Fil-mument opportun hadd mill-partijiet ma fittex ghajnuna professjonali b’tentativ sabiex iz-zwieg taghhom jigi salvat. Minflok l-attur irrikorra ghall-hinijiet twal ‘il boghod mid-dar

filwaqt li l-konvenuta irrikorriet ghal reazzjonijiet abbuzivi, kultant anke vjolenti, fil-konfront tal-attur..

Dwar il-pretensjoni tal-konvenuta illi l-attur abbandunaha, il-Qorti hi tal-fehma li fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz u tenut kont li l-konflitti ta' bejn il-partijiet kienu eskalaw notevolment, il-Qorti qed tiddikjara illi l-attur kient gustifikat jitlaq mid-dar matrimonjali.

Iz-zewg partijiet jakkuzaw lill-xulxin b'adulterju. Fil-fehma tal-Qorti hadd mill-partijiet ma ressaq provi sodisfacenti li jnisslu fil-gudikant dak il-konvinciment morali necessarju li adulterju gie kommess. Ix-xhieda tal-konvenuta fir-rigward hija michuda mill-attur, u ma tresqu l-ebda provi ohra. L-attur ezebixxa ritratt tal-konvenuta tbus lil ex-boyfriend taghha dak iz-zmien waqt ikla flimkien ma' bintha u l-habibha taghha. Ghall-finijiet ta' prova dwar adulterju jehtieg aktar minn hekk. Jibqa' l-fatt pero' illi l-agir tal-partijiet fir-rigward jammonta ghal ingurji gravi.

Ghaldaqstant din il-Qorti qed tiddeciedi illi htija ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet jahtu it-tnejn li huma b'kontribut indaqs.

**Komunjoni tal-Akkwisti**.

L-assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti rimanenti wara li l-partijiet gia' qasmu kont bankarju f'isem l-attur li kien gie sekwestat fuq talba tal-konvenuta huma s-segwenti:-

1. Id-dar matrimonjali.
2. Zewg karrozzi.
3. Mobbli li jinstabu jew kienu jinstabu fid-dar matrimonjali.
4. Depoziti f'kontijiet bankarji.

Fid-dar matrimonjali tirrisjedi l-konvenuta maz-zewg ulied minuri. Iz-zghira fost iz-zewgt itfal minuri ghandha hmistax-il sena. Ghaldaqstant il-Qorti trid issib il-bilanc bejn id-drittijiet

tal-partjiet li jiehdu sehemhom mid-dar matrimonjali u d-drittijiet tal-minuri. Fic-cirkostanzi l-Qorti ser tordna li d-dar matrimonjali ma tinbieghx qabel hames millum.

Dwar iz-zewg karrozzi wahda tinsab f'isem l-attur u l-ohra f'isem il-konvenuta. Ghalhekk qed tiddeciedi illi l-karrozza licenzjata f'isem l-attur tigi assenjata lill-attur u dik licenzjata f'isem il-konvenuta tigi assenjata lill-konvenuta.

Dwar il-mobbli li jinstabu jew kienu jinstabu fid-dar matrimonjali jirrizulta li l-attur kien ha diversi mobbli mid-dar matrimonjali meta telaq mid-dar. Ma jidhirx li ghandu pretensjonijiet fuq il-mobbli rimanenti fid-dar matrimonjali. Ghalhekk il-Qorti qed tiddeciedi illi l-mobbli fil-pussess tal-attur jigu assenjati lilu u l-mobbli fil-pussess tal-konvenuta jigu assenjati lilha.

Dwar depoziti bankarji irid jinghad li fil-process ta' din il-kawza jinstabu seba' mija u tlieta u sittin (763) pagna ta' 'bank statements' dwar kontijiet bankarji li huma jew kienu fil-passat recenti f'isem xi hadd mill-partijiet. Ma jirrizultawx xi ammonti notevoli. Fin-noti ta' osservazzjonijiet rispettivi taghhom il-partijiet ma urewx li ghandhom xi pretensjonijiet kontra xulxin fir-rigward.

Ghaldaqtant qed tiddeciedi illi dawk il-fondi fil-kontijiet bankarji intestati f'isem l-attur ghandu jippercepihom l-attur filwaqt li dawk il-fondi fil-kontijiet bankarji intestati f'isem il-konvenuta ghandha tippercepihom il-konvenuta.

**Kura, Kustodja, Access u Manteniment tal-Minuri**.

Hemm qbil bejn il-partijiet li l-kura u kustodja taz-zewg minuri ghandha tkun affidata f'idejn il-konvenuta.

Fir-rigward tal-access tal-missier, jirrizulta illi ghaddew issa diversi snin bil-missier ma jezercitax access versu z-zewg uliedu minuri. Fil-kors ta' dawn il-proceduri ma ghamel l-ebda talba ghall-provvediment *pendente lite* fir-rigward. Jghid li t-tfal gew aljenati minnu da parti ta' ommhom. It-tfal illum m'ghadomx zghar, wahda fuq l-ghatba tal-eta' magguri u l-ohra taghlaq tmintax-il sena fi zmien tlett snin. Fic-cirkostanzi huwa indikat illi l-Qorti

tordna access liberu favur il-missier kif jista' minn zmien ghal zmien jiftiehem ma' martu u uliedu minhabba li llum kwazi adulti.

Fir-rigward tal-manteniment il-Qorti qieset li l-attur jahdem full-time u ghandu dhul ta' €13,663 li minnhom ihallas €2796 kera fis-sena.

Il-konvenuta tahdem part-time. Ma ngabet l-ebda raguni ghaliex il-konvenuta ma tahdimx full-time tenut kont li z-zewgt itfal illum huma kbar. Jista' jkun li l-ammonti li l-konvenuta tircevi bhala beneficji socjali jintilfu jekk tahdem full-time. Pero' din ma hiex konsiderazzjoni rilevanti ghall-finijiet tal-mertu ta' din il-kawza.

Tenut kont id-dhul rispettiv tal-attur u tal-konvenuta, il-potenzjal li l-konvenuta tawmenta d-dhul mensili taghha, u l-htigijiet tal-partijiet u tal-minuri il-Qorti qed tiddeciedi illi l-attur ghandu jhallas lill-konvenuta bhala manteniment ghaz-zewg uliedu minuri is-somma ta' mija u hamsin ewro (€150) kull erba' gimghat ghal kull wild sakemm jaghlqu tmintax-il sena jew sakemm jibdew jahdmu, skond liema tissuccedi l-ewwel, bil-kondizzjonijiet kif stipulati aktar 'l isfel.

**Manteniment lill-Konjugi**.

Irrizulta li z-zewg partijiet ghandhom dhul sufficjenti sabiex imantnu lilhom infushom. Ghalhekk il-Qorti ma hi ser tordna lill-hadd mill-partijiet li jhallas manteniment lill-parti l-ohra.

Finalment qed tichad it-talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti ghall-applikazzjoni tal-artikoli 48 et seq tal-Kap 16 kontra l-attur rikonvenzjonat in kwantu ma jezistux l-estremi ghal tali applikazzjoni hlief li tordna li in kwantu l-partijiet qed jinstabu li kienu hatja ta' ingurji gravi fil-konfront ta' xulxin qed tiddikjara li tilfu id-dritt li jirtu lil xulxin.

Dwar beni parafernali jew dotali ma rrizulta xejn.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta u tiddeciedi l-kawza intavolata mill-attur u l-kontro-talba intavolata mill-konvenuta, billi tiddisponi mill-eccezzjonijiet sollevati miz-zewg partijiet fil-konfront ta' xulxin bil-mod kif ser jigu decizi t-talbiet attrici u dawk rikonvenzjonali:-

1. Tilqa' parzjalment l-ewwel talba attrici, tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet konjugi B minhabba li z-zwieg ta' bejniethom tkisser irrimedjabbilment minhabba tortijiet imputabbli liz-zewg partijiet f'sehem indaqs bejniethom.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici, tiffissa s-somma ta' mija u hamsin ewro (€150) fix-xahar ghall-kull minuri bhala manteniment ghall-minuri Melvin u Charlene b'dan illi l-manteniment hawn ordnat ghandu jibqa' jithallas anke wara li jaghlqu tmintax-il sena jekk jibqghu jistudjaw *full-time* u dan sakemm jaghlqu tlieta u ghoxrien sena. Il-manteniment dovut jieqaf fil-konfront ta' dak il-minuri illi jibda jahdem full-time anke qabel jaghlaq jew taghlaq tmintax-il sena. F'kaz li l-manteniment ta' xi wiehed jew wahda ma jibqax dovut, il-manteniment dovut ghall-wild l-iehor jizdied ghal mitejn ewro (€200) fix-xahar. Il-manteniment hawn ordnat jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja u ghandu jinqata' mis-salarju tal-attur u imhallas direttament lill-konvenuta.

3. Tilqa' t-tielet talba attrici u tordna li l-attur jezercita access favur iz-zewg uliedu minuri bil-modalita' li huwa jista' jiftiehem mal-omm minn zmien ghal zmien b'konsultazzjoni maz-zewg ulied.

4. Tilqa' r-raba' talba attrici, ixxolji l-komunjonim tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwidaha bil-mod segwenti:-

i) Tordna li d-dar matrimonjali bin-numru tlieta u erbghin (43), Palm Street, Paola, tibqa' inkomun ghal zmien hames snin millum b'dan illi matul l-imsemmija hames snin ikunu jistghu jirrisjedu biss il-konvenuta u z-zewg ulied tal-partijiet u hadd aktar. Wara l-iskadenza tal-hames snin imsemmija kull parti tista' titlob il-bejgh tal-fond de quo taht l-awtorita' tal-Qorti.

ii) Tordna li mal-bejgh tal-fond de quo u wara li jithallsu l-obbligi fiskali dovuti jekk ikun il-kaz u l-ispejjez relativi, il-bilanc tar-rikavat jinqasam ugwalment bejn iz-zewg partijiet.

iii) Tordna li z-zewg vetturi fuq imsemmija jigu assenjati in kwantu ghal Daihatsu Atrai 7 numru JBM 446 lill-attur u in kwantu ghal vettura Nissan March numru ABS 058 lill-konvenuta.

iv) Tordna li l-flus depozitati fil-kontijiet bankarji intestati f'isem l-attur jigu assenjati lilu fl-intier taghhom filwaqt li l-flus depozitati fil-kontijiet bankarji intetati f'isem il-konvenuta jigu assenjati lilha fl-intier taghhom.

v) Tordna li l-mobbli li jinsabu fil-pussess tal-attur jigu assenjati lill-attur fl-intier taghhom filwaqt li l-mobbli li jinstabu fil-pussess tal-konvenuta u fid-dar matrimonjali jigu assenjati lill-konvenuta fl-intier taghhom.

vi) Tiddeciedi l-ewwel, it-tieni, it-tielet, r-raba, is-sitta u t-tmien talba rikonvenzjonali kif fuq gia' deciz.

vii) Tilqa' parzjalment il-hames talba rikonvenzjonali u tiddikjara illi l-partijiet tilfu d-dritt li jirtu lil xulxin.

viii) Tichad is-seba talba rikonvenzjonali.

Bl-ispejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------